**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **792/2021**

**RICHARD ABDILLA CASTILLO (KI 267256M) U ROSE MARIE ABDILLA CASTILLO (KI 112853M)**

**VS**

**1. AARON MIZZI (KI 297577M) U**
**2. KIRSTIN ABDILLA CASTILLO (KI 208885M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta' rikors tar-rikorrenti preżentat fid-disgħa (9) t'Awwissu 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-intimati jiġu dikjarati *in solidum* bejniethom debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar id-disgħa (9) t'Awwissu 2021, ir-rikorrenti **Richard Abdilla Castillo et** ippremettew:

   a. *Illi l-espoennti huma l-ġenituri tal-intimata Kirstin Abdilla Castillo, liema intimata hija miżżewġa lill-intimat Aaron Mizzi;*

   b. *Illi l-intimati ilhom miżżewġin mill-2011, iżda llum il-ġurnata inbdew proċeduri ta' separazzjoni li għadhom pendenti bejn l-istess intimati;*

   c. *Illi qabel ma nbdew dawn il-proċeduri ta' separazzjoni bejn l-intimati, fl-2017 l-istess intimati kienu talbu lill-esponenti sabiex jisilfulhom somma flus sabiex l-intimati jkunu jistgħu jakkwistaw il-garaxx li jġib in-numru 1 li jifforma parti mill-kumpless ta' bini li għandu żewġ entraturi bl-isem "Mula Drive" li jinsab if Triq Ħal Mula u Triq L. Mifsud Tommasi, Żebbuġ;*

   d. *Illi dak iż-żmien il-garaxx kien inxtara għall-prezz ta' tnejn u erbgħin elf Ewro (€42,000);*

   e. *Illi l-esponenti aċċettaw li jagħmlu dan u sellfu lill-esponenti s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), liema ammont ġie mgħoddi lill-esponenti permezz ta' erba' trasferimenti ta' ħamest elef Ewro (€5,000) kull wieħed li saru kollha f'Marzu 2017;*

   f. *Illi sussegwentement, l-intimati akkwistaw il-garaxx hawn imsemmi u dan permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion datat 4 ta' Mejju 2017;*

   g. *Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet li saru tul dawn is-snin mill-esponenti lill-intimati sabiex iħallsu lura l-ammont li ġie misluf lilhom, liema interpellazzjonijiet saru verbalment u anke bil-miktub, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata quddiem din l-Onorabbli*

*Qorti fl-20 ta' Lulju 2021 u li ġġib in-numru ta' referenza 2932/2021, l-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) għadu sal-lum dovut lill-esponenti;*

h. *Illi dan il-kreditu tal-esponenti huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimati in solidum u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-esponenti;*

i. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitor tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

   ii. *Tiddikjara li l-intimati in solidum bejniethom huma debituri tal-esponenti fl-ammont ta'* ***għoxrin elf Ewro (€20,000)****; u*

   iii. *Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-esponenti l-ammont komplessiv ta'* ***għoxrin elf Ewro (€20,000)****;*

   *Bl-ispejjez, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Lulju 2021, u li ġġib in-numru ta' referenza 2932/2021 u tal-mandat ta' sekwestru li ġie ppreżentat quddiem din l-Onorabbli Qorti u li jġib in-numru ta' referenza 1090/2021 u ta' kwalunkwe atti u mandati oħra li jistgħu jiġu intavolati in konnessjoni mal-istess proċeduri, u bl-imgħax legali bl-ogħla rata permessa mil-liġi mill-20 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati;*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-erbgħa u għoxrin (24) t'Awwissu 2021, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sbatax (17) ta' Settembru 2021, b'ordni lill-konvenuti sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u

jwieġbu għat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

5. B'nota datata ħmistax (15) ta' Settembru 2021, l-intimat **<u>Aaron Mizzi</u>** iddikjara:

*li huwa qed jattakka l-proċedimenti odjerni fuq il-bażi ta' inapplikabilita' u fl-istess waqt qed jiddikjara wkoll li huwa għandu eċċezzjonijiet prima facie biex jopponi t-talbiet tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 170(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għab-bażi tas-segwenti:*

a. *In linea preliminari, qed tiġi eċċepita l-inapplikabbilita' tal-azzjoni odjerna qua proċedura sommarja speċjali u dan stante li l-pretensjonijiet attriċi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kontemplati fl-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta et seq, għas-segwenti raġunijiet:-*

b. *Fl-ewwel lok, l-esponenti jissottometti li huwa ġie notifikat bil-proċeduri odjerni fis-7 ta' Settembru 2021 u ladarba dawn il-proċeduri jinsabu appuntati għas-seduta tas-17 ta' Settembru 2021, l-esponenti ġie notifikat anqas mill-ħmistax-il jum stipulat fl-artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c. *Fit-tieni lok, minkejja li l-esponenti jirrilevaw li l-kreditu pretiż minnhom huwa "ċert, likwidu u dovut", huma ma ressqu l-ebda prova jew dokument li turi li tali kreditu għalaq jew li talanqas jeżisti, iżda sempliċiment ippreżentaw bank statement li juri erba' tranżazzjonijiet mil-akkont bankarju tagħhom għal ieħor li jappartjeni lill-intimata binthom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti naqsu anke milli jagħtu imqar spjega dwar it-terminu u/jew il-modalita' għar-restituzzjoni tal-allegat kreditu;*

*d. Illi fl-isfond ta' dan, qed jiġi eċċepit bir-rispett li, għall-kuntrarju ta' dak vantat mir-rikorrenti, l-ammont pretiż żgur li m'huwiex ċert u wisq anqas dovut, b'dan li jinkombi fuq l-istess rikorrenti biex jipprovaw l-eżistenza u ċ-ċertezza tal-imsemmi ammont u li jispjegaw meta u kif tali ammont ġie dovut;*

*e. Illi in vista tas-suespost u tad-differenza tal-fatti dikjarati mill-partijiet, qed issir referenza għas-sentenza mogħtija fit-28 t'April 2004 minn din l-Onor Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet Giordamina Medici et vs Rizzo, fejn ġie ritenut li:*

> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li* ***f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti*** *u li jkunu plawsibbli jew possibbli* ***dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat****. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju raġjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.* ***Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili****."*

*F'dan ir-rigward qed jiġi eċċepit bir-rispett illi ma jistax ikun hemm ċertezza morali f'dak li ddikjaraw ir-rikorrenti, tenut kont tal-fatt illi huma ma preżentaw ebda prova konkreta li turi l-eżistenza ta' dan il-kreditu.*

*f. Illi fit-tieni lok, l-Artikolu 167 tal-Kap 12 suċitat jistipula li r-rikorrenti għandu, fi proċedimenti sommarji speċjali, "jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba." F'dan ir-*

*rigward, irid jingħad li, minkejja li tali dikjarazzjoni saret, ir-rikorrenti kienu ben konxji li l-esponenti għandu eċċezzjonijiet prima facie validissimi xi jressaq biex jopponi t-talbiet tagħhom, tenut kont tal-fatt li l-esponenti gja kellu l-opportunita' li jressaq tali eċċezzjonijiet fil-proċeduri ta' talba għal ħruġ ta' kontromandat bin-numru 736/2021 fl-ismijiet Abdilla Castillo Richard et vs Mizzi Aaron;*

g. *Għaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponenti, it-talba tar-rikorrenti sabiex din l-Onor Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għandha tiġi respinta, stante li tali proċediment huwa inapplikabbli għall-każ in kwistjoni;*

h. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess, f'każ li l-eċċezzjonijiet preliminari ma jiġux akkolti, l-esponenti qed jitlob il-premess ta' din l-Onor Qorti sabiex iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-azzjoni odjerna biex jopponi t-talbiet tar-rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 170(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

i. *Illi f'dan ir-rigward u fit-tielet lok, qed jiġi eċċepit bir-rispett li l-**esponenti assolutament qatt ma talab u/jew issellef flus mingħand ir-rikorrenti**, b'dan illi jekk l-istess rikorrenti selfu xi flejjes lill-intimata binthom Kirstin, l-esponenti m'għandu bl-ebda mod jiġi kkundannat iħallashom hu jew solidalment magħha;*

j. *Illi kif diġa' kellu l-opportunita' jirrileva fir-rikors tiegħu fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1090/2021 fl-ismijiet: Richard Abdilla Castillo u Rose Marie Abdilla Castillo vs Aaron Mizzi, l-esponenti xtara garaxx mal-intimata Kirstin Abdilla Castillo bin-numru 1 li jifforma parti mill-kumpless ta' bini li għandu żewġ entraturi bl-isem "Mula Drive" li jinsab fi Triq Ħal Mula u Triq L. Mifsud Tommasi, Ħaż Żebbuġ permezz ta' kuntratt t'akkwist datat 4 ta' Mejju 2017 in atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion;*

*k. Illi kif jidher fil-kuntratt suċitat, dan il-garaxx ġie akkwistat bil-prezz ta' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000) mingħajr ebda self da parti tal-esponenti mingħand ir-rikorrenti. Inoltre, qed jiġi eċċepit li l-esponenti ħareġ nofs il-ħlas tal-garaxx filwaqt li l-intimata martu ħarġet in-nofs l-ieħor;*

*l. Illi tuttavia, jekk ir-rikorrenti sellfu xi flejjes lill-intimata binthom għal sehemha mill-ħlas tal-imsemmi garaxx, dan ma sarx bil-kunsens tal-esponenti u għalhekk semmai, ir-rikorrenti għandhom jidderiġu l-pretensjonijiet tagħhom versu l-istess intimata binthom u mhux kontra l-esponenti għar-rifużjoni ta' kwalsiasi ammont mogħti lilha;*

*m. Illi in tema mas-suespost u fir-raba' lok, irid jiġi nnutat li, ai termini tal-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tranżazzjoni ta' self ta' flus huwa meqjus bħala att straordinarju li jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa b'dan illi jekk tali tranżazzjoni titwettaq mingħajr kunsens ta' parti minnhom, din titqies annullabbli ai termini tal-Artikolu 1326;*

*n. Illi b'hekk, tenut kont tal-fatt li l-esponenti qatt ma ta l-kunsens tiegħu għas-self tal-ammont pretiż, jekk fil-mori ta' dawn il-proċeduri jiġi stabbilit li tali kreditu verament jeżisti, dan għandu jitqies bħala null;*

*o. Illi tuttavia, fin-nuqqas li l-imsemmi kreditu jiġi dikjarat null, fl-umli fehma tiegħu, l-esponenti m'għandux jiġi kkundannat iħallas solidalment mal-intimata martu kwalsiasi ammont li l-istess martu setgħet issellfet, bla ma talbet il-kunsens tiegħu!*

*p. Illi fil-fatt l-unika prova li r-rikorrenti ressqu mar-rikors promotur tagħhom huwa statement tal-akkont bankarju tagħhom li juri erba' tranżazzjonijiet ta' ħamest elef Euro (€5,000), b'total ta' għoxrin elf Euro (€20,000), li ġew kreditati f'akkont bankarju li japprtjeni lill-intimata binthom biss;*

q. *Illi kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kemm-il darba l-esponenti jingħata l-jedd li jiddefendi ruħu, il-proċeduri odjerni ġew istitwiti bħala ripikka, wara li bint ir-rikorrenti ppoċediet b'kawża għal separazzjoni personali kontra l-esponenti stante li ma ntlaħaqx ftehim bonarju għas-separazzjoni, tant li r-rikorrenti mal-proċeduri odjerni għażlu li jippreżentaw Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tal-esponenti* <u>*biss*</u>*, fejn saħansitra ssekwestraw is-salarju tal-esponenti mingħajr ma stipulaw il-jedd tal-esponenti għall-porzjon privileġġata skont il-Liġi mis-salarju tal-esponenti. L-intenzjoni ewlenija tar-rikorrenti m'hijiex li jirriklamaw xi jedd għal rifużjoni ta' ammont minnhom pretiż, iżda biex jikkripaw finanzjarjament lill-esponenti b'ripikka personali;*

r. *Illi finalment jiġi eċċepit li għalkemm ir-rikorrenti rrilevaw li huma interpellaw lill-esponenti u lill-intimata binthom permezz tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 2392/2020 għall-ħlas tal-ammont pretiż, l-esponenti għadu s'issa mhux notifikat bl-istess ittra;*

s. *Għaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponenti qed jiġi eċċepit li t-talbiet tar-rikorrenti sabiex l-esponenti jiġi ddikjarat debitur u sussegwentement ordnat iħallas l-ammont pretiż solidalment mal-intimata martu għandha tiġi miċħuda u kwalsiasi azzjoni għar-rifużjoni tal-ammont pretiż għandha tiġi diretta lejn l-intimata martu biss u mhux lejn l-esponenti;*

t. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.*

6. Waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru 2021, il-Qorti, wara li semgħet l-avukati difensuri tal-partijiet, dehrilha illi l-konvenut Mizzi għandu difiża x'jagħmel għat-talbiet attriċi, u awtorizzatu jippreżenta risposta ġuramentata;

7. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021, l-intimat <u>**Aaron Mizzi**</u> eċċepixxa:

a. *Illi fl-ewwel lok qed jiġi eċċepit bir-rispett li **l-eċċipjenti assolutament qatt ma ssellef l-ebda flejjes mingħand ir-rikorrenti**, b'dan illi jekk l-istess rikorrenti selfu xi flejjes lill-intimata binthom Kirstin, l-esponenti m'għandu bl-ebda mod jiġi kkundannat iħallashom hu jew solidalment magħha;*

b. *Illi kif diġa' kellu l-opportunita' jirrileva fir-rikors tiegħu fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1090/2021 fl-ismijiet: Richard Abdilla Castillo u Rose Marie Abdilla Castillo vs Aaron Mizzi, l-esponenti xtara garaxx mal-intimata Kirstin Abdilla Castillo bin-numru 1 li jifforma parti mill-kumpless ta' bini li għandu żewġ entraturi bl-isem "Mula Drive" li jinsab fi Triq Ħal Mula u Triq L. Mifsud Tommasi, Ħaż Żebbuġ permezz ta' kuntratt t'akkwist datat 4 ta' Mejju 2017 in atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion;*

c. *Illi kif jidher fil-kuntratt suċitat, dan il-garaxx ġie akkwistat bil-prezz ta' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000) mingħajr ebda self da parti tal-esponenti mingħand ir-rikorrenti. Inoltre, qed jiġi eċċepit li l-eċċipjenti ħareġ nofs il-ħlas tal-garaxx filwaqt li l-intimata martu ħarġet in-nofs l-ieħor;*

d. *Illi tuttavia, jekk ir-rikorrenti sellfu xi flejjes lill-intimata binthom għal sehemha mill-ħlas tal-imsemmi garaxx, dan ma sarx bil-kunsens tal-esponenti u għalhekk semmai, ir-rikorrenti għandhom jidderiġu l-pretensjonijiet tagħhom versu l-istess intimata binthom u mhux kontra l-eċċipjenti għar-rifużjoni ta' kwalsiasi ammont mogħti lilha;*

e. *Illi in tema mas-suespost, ai termini tal-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tranżazzjoni ta' self ta' flus huwa meqjus bħala att straordinarju li jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa b'dan illi jekk tali tranżazzjoni titwettaq mingħajr kunsens ta' parti minnhom, din titqies annullabbli ai termini tal-Artikolu 1326;*

f. *Illi b'hekk, tenut kont tal-fatt li l-eċċipjenti qatt ma ta l-kunsens tiegħu għas-self tal-ammont pretiż, jekk fil-mori ta' dawn il-proċeduri jiġi stabbilit li tali kreditu verament jeżisti, dan għandu jitqies bħala null fil-konfront tal-eċċipjenti;*

g. *Illi tuttavia, fin-nuqqas li l-imsemmi kreditu jiġi dikjarat null, l-eċċipjenti m'għandux jiġi kkundannat iħallas solidalment mal-intimata martu kwalsiasi ammont li l-istess martu setgħet issellfet, bla ma talbet il-kunsens ta' żewġha l-eċċipjenti. Dan dejjem soġġett għall-kundizzjoni li tali self, jekk kien eżistenti, ma tħallasx lura lir-rikorrenti mill-istess intimata martu;*

h. *Illi fil-fatt l-unika prova li r-rikorrenti ressqu mar-rikors promotur tagħhom huwa statement tal-akkont bankarju tagħhom li juri erba' tranżazzjonijiet ta' ħamest elef Euro (€5,000), b'total ta' għoxrin elf Euro (€20,000), liema ammonti ġew kreditati f'akkont bankarju li japprtjeni lill-intimata binthom biss;*

i. *Illi kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-proċeduri odjerni ġew istitwiti bħala ripikka fil-konfront tal-eċċipjenti, wara li bint ir-rikorrenti pproċediet b'kawża għal separazzjoni personali kontra l-esponenti stante li ma ntlaħaqx ftehim bonarju għas-separazzjoni, tant li r-rikorrenti mal-proċeduri odjerni għażlu li jippreżentaw Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tal-eċċipjenti <u>biss</u>, fejn saħansitra ssekwestraw is-salarju tal-eċċipjenti mingħajr ma stipulaw il-jedd tal-eċċipjenti għall-porzjon privileġġata skont il-Liġi mis-salarju tal-eċċipjenti. L-intenzjoni ewlenija tar-rikorrenti m'hijiex li jirriklamaw xi jedd għal rifużjoni ta' ammont minnhom pretiż, iżda biex jikkripaw finanzjarjament lill-esponenti b'ripikka personali;*

j. *Illi finalment jiġi eċċepit li għalkemm ir-rikorrenti rrilevaw li huma interpellaw lill-eċċipjenti u lill-intimata binthom permezz tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 2392/2020 għall-ħlas tal-ammont pretiż, l-eċċipjenti għadu s'issa mhux notifikat bl-istess ittra;*

k. *Għaldaqstant, l-eċċipjenti jeċċepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti sabiex l-esponenti jiġi ddikjarat debitur u sussegwentement ordnat iħallas l-ammont pretiż solidalment mal-intimata martu għandha tiġi miċħuda u kwalsiasi azzjoni għar-rifużjoni tal-ammont pretiż, semmai, għandha tiġi diretta lejn l-intimata martu biss u mhux lejn l-eċċipjenti;*

l. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti u l-intimata Kirstin Abdilla Castillo jew min minnhom.*

8. B'nota ġuramentata ppreżentata waqt is-seduta tad-dsatax (19) t'Ottubru 2021, l-intimata Kirstin Abdilla Castillo ammettiet it-talbiet attriċi kif dedotti, ossia li l-ammont huwa dovut mill-komunjoni tal-akkwisti in vigore bejn il-konvenuti.

**Il-Qorti**

9. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat disgħa (9) t'Awwissu 2021, u d-dokumenti annessi miegħu;

10. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Aaron Mizzi datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021;

11. Reġgħet rat in-nota ġuramentata tal-intimata Kirstin Abdilla Castillo datata dsatax (19) t'Ottubru 2021, illi permezz tagħha hija ammettiet għat-talbiet attriċi kif dedotti, ossia li l-ammont huwa dovut mill-komunjoni tal-akkwisti in vigore bejn il-konvenuti;

12. Rat l-affidavit ta' **Richard Abdilla Castillo** mmarkat **Dok RC** a fol 37 *et seq* tal-proċess, u l-affidavit ta' **Rose Marie Abdilla Castillo** mmarkat **Dok RM** a fol 40 tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenuta **Kirstin Abdilla Castillo**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022[1], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok KAC1 sa Dok KAC4** a fol 56 *et seq* tal-proċess;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo**, in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-ħamsa (5) t'April 2022[2], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB1 sa Dok JB13** a fol 69 *et seq* tal-proċess;

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Kirstin Abdilla Castillo**, prodotta mill-intimat Mizzi in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022[3];

16. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo**, in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, prodotta mill-intimat Mizzi waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023[4], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB4 sa JB20** a fol 128 *et seq* tal-proċess;

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Attard**, in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc**, prodotta mill-intimat Mizzi waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023[5], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok LA1** a fol 485D *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Konrad Grech** in rappreżentanza tal-**KPMG**, prodott mill-intimat Mizzi waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 43 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 65 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 109 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 125 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 485A *et seq* tal-proċess

2023[6], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok KG1 sa KG3** a fol 488 *et seq* tal-proċess;

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenut **Aaron Mizzi** waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2023[7];

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrenti **Rose Abdilla Castillo** prodotta mill-intimat Mizzi in subizzjoni waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2023[8], u rat id-digriet tagħha stess illi permezz tiegħu ix-xhud ġiet dikjarata bħala xhud ostili;

21. Rat in-nota tal-konvenut Aaron Mizzi datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju 2023 illi permezz tagħha ġie preżentat estratt mill-Malta Business Registry dwar il-kumpanija Lotus Consultancy Limited, immarkat **Dok RS** a fol 563-564 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li din is-soċjeta' kummerċjali tappartjeni biss lill-intimata Kirstin Abdilla Castillo;

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Etienne Scicluna**, Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, prodott mill-intimat Mizzi waqt is-seduta tal-għaxra (10) t'Ottubru 2023[9], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok ES1 sa ES5** a fol 569 *et seq* tal-proċess;

23. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess mogħti waqt is-seduta tal-għaxra (10) t'Ottubru 2023, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-konvenut Mizzi għall-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru tal-Qorti Ċivili Prim'Awla numru 1090/2021 kif ukoll tar-revoka ta' sekwestri bin-numru 300/2002 AJD u 763/2021 NC, u rat ukoll l-istess atti kif allegati;

24. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-konvenut **Aaron Mizzi**, prodott mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Frar 2024[10];

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 486 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 528 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 548 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 567 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 654 *et seq* tal-proċess

25. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti, datata tlieta (3) ta’ Mejju 2024 a fol 679 *et seq* tal-proċess;

26. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat Aaron Mizzi, datata sbatax (17) ta’ Ġunju 2024, a fol 693 *et seq* tal-proċess;

27. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju 2024[11];

28. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

29. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

30. Mhux qiegħed jiġi kontestat il-fatt illi l-intimati, fiż-żwieġ, akkwistaw garaxx permezz ta’ kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Mangion nhar l-erbgħa (4) ta’ Mejju 2017, liema garaxx inxtara għas-somma ta’ €42,000[12]. Lanqas qiegħed jiġi kontestat il-fatt illi, sabiex jiġi akkwistat dan il-garaxx, l-intimat Aaron Mizzi rrikorra għand ommu, cioe Lourdes Mizzi, illi mhix parti mill-kawża odjerna, illi ħarġet is-somma ta’ €20,000[13];

31. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrenti qed jikkontendu illi huma ħarġu s-somma ta’ €20,000 oħra, liema somma ġiet mgħoddija lill-intimata Kirstin Abdilla Castillo sabiex jiġi finanzjat il-kumplament tal-akkwist tal-garaxx. L-intimat, iżda, qed isostni illi hu ma kienx jaf illi l-intimata Abdilla Castillo ssellfet dawn il-flus mingħand il-ġenituri tagħha r-rikorrenti, iżda kellu l-impressjoni illi dawn kienu flus illi hija kellha imġemmgħa f’kont bankarju tagħha personali, b’dana għalhekk illi hi ħarġet nofs is-somma għall-akkwist tal-

[11] It-traskrizzjoni tat-trattazzjoni ulterjuri tinsab a fol 705 *et seq* tal-proċess
[12] **Dok B** a fol 8 *et seq* tal-proċess
[13] Vide xhieda ta’ Kristin Abdilla Castillo a fol 48 tal-proċess, u xhieda ta’ Aaron Mizzi a fol 530 tal-proċess

garaxx. Jgħid illi kien biss wara illi bdew il-proċeduri ta' separazzjoni illi ħarġet l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti illi kienu ġew mislufa l-istess flus, u l-pretensjoni tagħhom għar-rifużjoni tal-istess self[14];

32. L-artikolu 1322(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta iqis bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja, *inter alia*, *"(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont f'bank"*. Dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja, is-sub-inċiż (2) tal-istess artikolu jgħid,

> *(2) Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien.*

33. Fl-apprezzament tagħha tal-provi miġjuba quddiema, il-Qorti rat verżjonijiet diametrikalment opposti, inkonsistenzi, u atteġjament ta' xhieda fuq il-pedana tax-xhieda illi rrendew ix-xhieda tagħhom xejn konvinċenti. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Cauchi noe et vs Michael Angelo Fenech***[15]:

> *Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –*
>
> *"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*
>
> *1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

[14] Vide xhieda ta' Aaron Mizzi a fol 530-531 tal-proċess
[15] Rik Ġur 1170/86, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 15 ta' Diċembru 2015 (in ġudikat)

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

34. In oltre, hekk kif ġie ritenut ukoll imbagħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Loreto Abela et vs Carmelo Borg***[16], *"il-valutazzjoni tal-materjal probatorju ma għandhiex tkun waħda limitata għall-eżami iżolat ta' xi element singolu imma jeħtieġ, b'loġika-ġuridika, li din tkun waħda komplessiva fil-kwadru ta' investigazzjoni organika u unitarja."*

35. Meqjus il-premess, din il-Qorti rat illi filwaqt illi Kristin Abdilla Castillo ssostni illi hi kienet qalet lil Mizzi, illi dak iż-żmien kien żewġha, illi kienet ser tissellef xi flus mingħand missierha[17], Mizzi jsostni illi hu ma kienx jaf illi l-flus illi kkontribwixxiet hi għall-akkwist tal-garaxx kienu ġejjin minn self mingħand il-ġenituri tagħha, iżda assuma illi kienu flus tagħha, illi hi kellha

[16] Appell Ċivili Nru 16/2000/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 9 ta' Mejju 2007
[17] A fol 48 tal-proċess

miġmugħa[18]. Aaron Mizzi jixhed, *"il-ftehim kien kif għidtlek qabel, jiena nġib għoxrin elf u Kirstin iġġib għoxrin elf. Issa jiena l-kontijiet tagħha ma nafx x'fihom, la qatt rajthom u lanqas il-paga ma kont naf x'inhi tagħha. Jiena pretendejt li f'kemm konna ilna miżżewġin din kellha għoxrin elf imemmgħin"*[19], u *"Li kieku ridt nitlob il-flus lil Richard kont immur direttament jien ngħidlu lil Richard, minix bżonn Kirstin."*[20]

36. Jidher illi fiż-żwieġ bejn l-intimati, kienet Kirstin Abdilla Castillo illi kienet tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-finanzi, fatt illi ma jidhirx illi qiegħed jiġi kontestat. Madanakollu, jidher ukoll illi kien hemm ftehim bejn il-konjuġi illi kull spiża li ssir, tinqasam, u kull parti toħroġ sehemha fl-aħħar tax-xahar. Infatti, Kirstin Abdilla Castillo tikkonferma fix-xhieda tagħha illi l-paga ta' Aaron Mizzi kienet tmur f'kont tiegħu, filwaqt illi l-paga tagħha kienet tmur f'kont tagħha personali[21], u Aaron Mizzi jixhed illi, *"Kirstin kienet tieħu ħsieb il-finanzi kollox bil-kontijiet tiegħu b'kollox, u kienet tiġi fl-aħħar tax-xahar tgħidli per eżempju sehemek* (sic) *fix-xahar huwa ħames mija, daqqa tminn* (sic) *mija, daqqa elf, daqqa jitilgħu elfejn, u kient timmeniġja kollox hi, bil-bank transfers b'kollox."*[22] Hekk tikkonferma wkoll Kirstin Abdilla Castillo, illi tgħid illi l-*online transactions* kienet tagħmilhom hi, bil-kunsens ta' Aaron Mizzi[23]. Din il-Qorti, għalhekk, ma ssibhiex bi tqila illi temmen illi huwa minnu illi l-intimati ddeċidew illi kull parti toħroġ €20,000 sabiex jiġi finanzjat l-akkwist tal-garaxx, b'dana illi kull parti kellha tkun responsabbli hi u tara hi minn fejn se ġġib din is-somma;

37. Issa l-Qorti hija tal-fehma, illi s-somma ta' €20,000 pretiża mir-rikorrenti m'għandhiex tiġi meqjusa b'mod iżolat, iżda għandha titqies fl-isfond ukoll tas-self illi Aaron Mizzi għamel mingħand ommu. Mistoqsija dwar kif saret ir-rifużjoni tas-somma t'€20,000 lil omm Mizzi, Kirstin Abdilla Castillo tixhed in kontro-eżami kif isegwi[24]:

[18] A fol 534 tal-proċess
[19] A fol 534 tal-proċess
[20] A fol 532 tal-proċess
[21] A fol 113 tal-proċess
[22] A fol 531 tal-proċess
[23] A fol 114 tal-proċess
[24] A fol 114 tal-proċess

| | |
|---|---|
| *Avukat* | *[...] Ara ngħidx sew li l-flus ħarġu mill-kont ta' Aaron, ġew trasferiti fil-joint account, ġew trasferiti mill-joint account għal kont tiegħek umbagħad tħallsu lil omm Aaron? Iva jew le?* |
| *Xhud* | *Yes.* |
| *Avukat* | *U naqblu li l-20,000 sħaħ tħallsu mill-kont ta' Aaron ġew trasferiti għal joint account u ġew trasferiti mill-kont tiegħek?* |
| *Xhud* | *Iva.* |
| *[...]* | |
| *Avukat* | *[...] X'kien l-iskop li flokk* (sic) *għaddejthom mill-kont ta' Aaron direttament lil ommu, għaddejthom mill-kont tiegħek lil ommu?* |
| *Xhud* | *Għax ommu riedet cheque u c-cheque book kien fuqi.* |

38. L-intimata Kirstin Abdilla Castillo tikkontendi illi dan il-ħlas, għalkemm oriġina mill-kont ta' Aaron Mizzi personalment, kien ħlas illi sar mit-tnejn l'huma flimkien, gialadarba sar mill-paga tiegħu illi effettivament kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti[25];

39. Din il-Qorti, filwaqt illi tirrikonoxxi dak illi qed issostni Kirstin Abdilla Castillo fit-termini tal-Artikolu 1320(a) tal-Kap 16, ma tistax ma tosservax illi

[25] A fol 113 tal-proċess

għalkemm bejn il-koppja kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti, huma kienu jamministraw il-beni fiż-żwieġ bħallikieku kellhom ir-reġim matrimonjali tas-separazzjoni tal-beni bejniethom, b'dana illi kulħadd kien igawdi mill-paga tiegħu, fl-aħħar tax-xahar tikkontribwixxi kull parti għall-ispejjeż tal-ħajja nofs bin-nofs, u fil-każ t'akkwisti bħal dak mertu tal-każ odjern, kull parti toħroġ sehem;

40. Ikkunsidrat il-mod kif kienu jamministraw il-finanzi tagħhom l-intimati fiż-żwieġ, <u>din il-Qorti temmen il-verżjoni tal-intimat Mizzi illi hu ma daħalx fil-kwestjoni dwar is-sors tal-€20,000 illi kkontribwixxiet l-intimata Abdilla Castillo għall-akkwist tal-garaxx</u>;

41. It-teżi ta' din il-Qorti hija aktar u aktar konfermata mill-fatt illi l-pretensjoni tar-rikorrenti jidher illi qamet l-ewwel darba f'Lulju 2021[26], ftit xhur biss wara illi ġew intavolati l-proċeduri għas-separazzjoni bonarja quddiem il-Qorti tal-Familja f'Marzu 2021[27]. Naturalment, dan stante illi l-intimata Abdilla Castillo saret konxja tal-fatt illi, fl-ambitu tal-kunċett ta' komunjoni t'akkwisti, hija kellha sehem mill-paga ta' Mizzi, bħalma hu wkoll kellu sehem mill-paga tagħha, b'dana għalhekk illi hi kienet effettivament ikkontribwixxiet ukoll fir-rifużjoni tas-somma ta' €20,000 lil omm Mizzi. Għaldaqstant, hija qed tippretendi illi l-intimat Mizzi jiġi mġiegħel ukoll jikkontribwixxi fil-ħlas lura tas-somma ta' €20,000 dovuta lir-rikorrenti;

42. Il-fatt illi l-€20,000 illi kkontribwixxiet l-intimata Abdilla Castillo kienu ġejjin mingħand il-ġenituri tagħha r-rikorrenti huwa fatt illi ġie pruvat u ma jistax jiġi disputat, stante illi jirriżulta mill-statement anness mar-rikors promotur u mmarkat **Dok A** illi f'Marzu 2017, u cioe xahrejn biss qabel ġie ffirmat il-kuntratt t'akkwist mertu tal-kawża odjerna, saru erba' pagamenti ta' €5,000 kull wieħed lil Kirstin Abdilla Castillo, indikati fl-istess statement bħala *'Garage Payment'*. Din il-Qorti ma ssibx illi għandha tiddubita dan il-fatt;

---

[26] L-ittra uffiċjali bil-pretensjoni tar-rikorrenti ntbagħtet 20 ta' Lulju 2021
[27] Vide Rikors Ġuramentat fil-proċeduri bir-Rikors Nru 74/2021 immarkat **Dok ES3** a fol 577 *et seq* tal-proċess

43. Dak illi trid tara din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk il-fatt illi l-konvenut ma kienx konxju tas-self illi ħadet martu mingħand il-ġenituri tagħha jeżonerahx mill-obbligazzjoni illi jikkontribwixxi għall-ħlas tal-istess dejn jew le;

44. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Bugeja vs Publius Micallef et***[28]:

> *[A]tt ta' amministrazzjoni straordinarja ta' wieħed mill-konjuġi waħdu jorbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-qorti dwar in-nullita' ta' dak l-att. Ir-relazzjonijiet interni bejn il-konjuġi għar-reintegrazzjoni jew danni, kif fuq ingħad, ma jeffettwawx lit-terz.*

Hekk ukoll ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***George Cauchi vs Arnold Farrugia et***[29]:

> *Illi, filwaqt li l-Qorti taqbel mal-imħarrek (u ma' martu msejħa fil-kawża, li qanqlet eċċezzjoni f'dan is-sens ukoll) fis-sens li s-self huwa għamil ta' amministrazzjoni straordinarja dwar il-komunjoni tal-akkwisti, ma taqbilx miegħu li self bħal dan ma jkunx jiswa jekk kemm-il darba ma jsirx bil-qbil taż-żewġ persuni miżżewġin;*
>
> *Illi fejn, bejn persuni miżżewġin, tapplika l-komunjoni tal-akkwisti dwar it-tmexxija tal-ġid materjali tagħhom, il-liġi trid li t-tnejn li huma jkollhom setgħat ta' tmexxija ndaqs u li t-tnejn li huma jridu joqogħdu għal dak li hemm provdut fil-liġi* [Art 1319 tal-Kap 19]*. Għalhekk, il-liġi tgħid li t-tmexxija ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar tmexxija bħal dik tmiss lil*

[28] Appell Ċivili Nru 282/1997/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Ġunju 2003
[29] Ċit Nru 92/2002/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 12 ta' Mejju 2005 (in ġudikat)

*kull wieħed mill-miżżewġin* [Art 1322(1) tal-Kap 176]. *Iżda, dwar għemejjel meqjusa bħala dawk ta' tmexxija straordinarja u l-jedd li wieħed iħarrek jew li jiġi mħarrek dwar tali għemejjel tmiss liż-żewġ miżżewġin flimkien* [Art 1322(2) tal-Kap 16]. *Madankollu, fejn għemejjel normali ta' tmexxija ta' kummerċ, negozju jew professjoni li tkun immexxijja biss minn wieħed mill-miżżewġin, ikunu wkoll għemejjel ta' tmexxija straordinarja, dawn xorta waħda jistgħu jitwettqu minn dak il-miżżewweġ waħdu* [Art 1324 tal-Kap 16]*;*

*Illi l-għemejjel ta' għamla straordinarja huma meqjusa bħala dawk biss li l-liġi tgħid* [Art 1322(3) tal-Kap 16] *li għandhom jitqiesu bħala għemejjel ta' għamla straordinarja, u fejn għamil ma jaqax f'dik il-kategorija għandu jintgħadd bħala għamil ta' tmexxija ordinarja. L-għamil li bih wieħed jislef jew li jissellef flus huwa magħdud bħala għamil ta' amministrazzjoni straordinarja* [Art 1322(3)(f) tal-Kap 16] *, safejn tali għamil ma jkunx il-ftuħ jew iż-żamma ta' depożitu ta' flus f'kont bankarju;*

*Illi fejn għamil ta' tmexxija straordinarja jsir minn waħda biss mill-miżżewġin u mingħajr l-għarfien – imqar taċitu – tal-parti miżżewġa l-oħra, dak l-għamil xorta waħda jkun jgħodd. Imma jekk l-għamil bħal dak kien jikkonsisti fi trasferiment jew f'ħolqien ta' jedd rejali jew personali fuq ġid immobbli, jew jekk kien jikkonsisti f'ħolqien b'titolu gratuwitu ta' jeddijiet rejali jew personali fuq ħwejjeġ mobbli, għamil bħal dak ikun jista' jitħassar fuq talba tal-miżżewweġ li mingħajr il-kunsens tiegħu ikun sar dak l-att* [Art 1326(1) tal-Kap 16] *. Kull għamil ieħor li jmissu jsir miż-żewġ miżżewġin flimkien imma li jsir minn miżżewweġ wieħed ma jistax jitħassar, iżda jingħata lill-parti li tħalliet barra milli tagħti l-kunsens tagħha l-jedd li*

*ġġiegħel lill-parti li mexxiet waħedha li tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, jekk dan ma jkunx jista' jsir, li tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-parti miżżewġa li ma tkunx tat il-kunsens tagħha* [Art 1326(5) tal-Kap 16]. *Ukoll fejn huwa mogħti li parti miżżewġa tista' titlob it-tħassir ta' għamil straordinarju, dan irid isir fi żmien limitat* [Art 1326(2) tal-Kap 16]*, li jista' jitqassar għal tliet xhur jekk il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha jintbagħtilha att ġudizzjarju biex jgħarrafha bit-twettiq ta' l-għamil* [Art 1326(3) tal-Kap 16]*;*

***Illi dawn id-dispożizzjonijiet juru li l-imħarrek ma għandux raġun jgħid li xi self li huwa ngħata mingħand l-attur mingħajr ma ħadet sehem fih l-imsejħa fil-kawża għandu jitqies null u bla effett.*** [Emfasi miżjud] *Fejn hemm nullita' ta' dawn l-għemejjel, din m'hijiex nullita' assoluta, imma biss waħda relattiva: l-għamil jibqa' jiswa sakemm ma jiġix imħassar. Minbarra dan, fejn hemm nullita' bħal din, tali nuqqas ta' siwi ma jista' qatt jintalab (jew jiġi eċċepit) mill-parti l-miżżewġa li tkun ikkuntrattat, imma trid tirriżulta minn azzjoni meħuda apposta mill-parti l-miżżewġa li l-fehma tagħha ma tkunx ingħatat, jekk u meta tmexxi b'kawża f'dan is-sens u fiż-żmien stipulat.*

45. Huwa minnu illi l-att ta' amministrazzjoni straordinarja li ma jkunx relatat ma' kummerċ, negozju jew professjoni, għalhekk, jeħtieġ, *ad validitatem*, il-kunsens jew parteċipazzjoni taż-żewġ konjuġi; iżda, fl-assenza ta' tali kunsens jew parteċipazzjoni, ir-rimedju tal-parti illi ma tkunx ipparteċipat fl-att ta' amministrazzjoni straordinarju mhuwiex illi ma tkunx marbuta bl-obbligazzjoni, iżda illi jew (a) tintavola proċeduri sabiex jiġi annullat l-att ta' amministrazzjoni straordinarja, fit-termini tal-Artikolu 1326(1) tal-Kap 16, jew illi (b) tieħu azzjoni *"biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxiet waħedha*

*tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu."* (Artikolu 1326(5) tal-Kap 16);

46. Filwaqt illi jeċċepixxi illi *"ai termini tal-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, transazzjoni ta' self ta' flus huwa meqjus bħala att straordinarju li jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa, b'dan illi jekk tali transazzjoni titwettaq mingħajr kunsens ta' parti minnhom, din titqies annullabbli ai termini tal-Artikolu 1326"* u illi *"tenut kont tal-fatt li l-eċċipjenti qatt ma ta l-kunsens tiegħu għas-self tal-ammont pretiż, jekk fil-mori ta' dawn il-proċeduri jiġi stabbilit li tali kreditu verament jeżisti, dan għandu jitqies bħala null fil-konfront tal-eċċipjenti"*, l-intimat Mizzi ma jġib l-ebda prova illi huwa intavola proċeduri sabiex jiġi annullat is-self ai termini tal-Artikolu 1326(1) tal-Kap 16. Lanqas fil-proċeduri odjerni ma saret xi kontro-talba f'dan is-sens. **Isegwi għalhekk illi s-somma ta' €20,000 pretiża mir-rikorrenti kienet piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti illi kienet eżistenti bejn il-konjuġi intimati**;

47. Fil-mori tal-kawża odjerna, iżda, il-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-partijiet twaqqfet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, b'sentenza *in parte* mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fir-Rik Nru 74/2021/2 fl-ismijiet *Kirstin Abdilla Castillo vs Aaron Mizzi* nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021[30]. Għaldaqstant, fid-dawl anke tal-ammissjoni da parte tal-intimata Kirstin Abdilla Castillo illi l-ammont huwa dovut mill-komunjoni tal-akkwisti, **din il-Qorti sejra tiddikjara lill-intimati debituri tar-rikorrenti flimkien u solidament bejniethom, u tikkundannahom iħallsu lir-rikorrenti s-somma pretiża solidament bejniethom**;

48. Ikkunsidrat illi l-obbligazzjoni mertu tal-kawża odjerna mhix obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali, din il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax ikun dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali illi permezz tagħha saret l-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja għall-ħlas, u cioe mill-20 ta' Lulju 2021, sad-data tal-effettiv pagament, ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap 16.

---

[30] Vide **Dok ES5** a fol 640 *et seq* tal-proċess

**Decide**

49. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba rikorrenti stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

(ii) **Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara lill-intimati debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) *in solidum* bejniethom;

(iii) **Tilqa'** t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000), bl-imgħax mill-20 ta' Lulju 2021, sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2932/2021 datata 20 ta' Lulju 2021, u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 1090/2021, kontra l-intimati *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**